KUNSILL LOKALI
IS-SIĠĠIEWI
Città Ferdinand

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi**

**IS-SEBA' LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 366**

**It-Tnejn 11 ta' Frar, 2019**

Il-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi ltaqa' fiċ-Ċentru Ċiviku tas-Siġġiewi li jinsab fl-indirizz 18, Pjazza San Nikola, Is-Siġġiewi, fil-6.00 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Dr Alessia Psaila Zammit –Sindku
Is-Sur Julian Borg – Vici Sindku
Is-Sur Nicholas Cassar – Kunsillier
Is-Sra. Gillian Farrugia Pace – Kunsilliera
Is-Sur Domenic Grech – Kunsillier
Dr Mark Anthony Vassallo - Kunsillier

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3)):**
Is-Sur Clayton Cutajar – Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Is-Sra. Ritienne Giorgino – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Dr Alessia Psaila Zammit ppresidiet il-laqgħa.

**366.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija**

Is-Sindku qrat l-ittri ta' apoloġija tal-Kunsillier Clayton Cutajar.

**366.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

Inqraw il-minuti tas-Seduta preċedenti.

**Punti li joħorġu mill-Minuti**

366.2.1 365.9.2 Is-Sindku qalet li peress li t-talba għall-għoti tal-konkos lit-toroq tal-bdiewa taqbeż sostanzjalment is-somma allokata fil-budget, se ssir diskussjoni ma' xi bdiewa biex xi sqaqien isiru bit-torba u dan wara parir minn perit. Dan minħabba li l-Ministru Ian Borg, baqa' ma laqax talba tal-Kunsill Lokali biex jgħin b'fondi ħalli l-bdiewa jtejbu l-aċċess għar-raba' tagħhom.

366.2.2 365.14.2 Il-Kunsillier Grech xtaq jikjarifika li hu kien ġie mistieden mill-artist biex jorganizza laqgħa ma' IM u bl-ebda skop li jinqabeż il-Kunsill. Il-Kunsillier Grech qal li ma kien hemm l-ebda skop ulterjuri, u li kien qed jagħmel dak kollu li jista biex jinġiebu l-fondi neċessarji. Is-Sindku qalet li meta l-artist kellem lill-Kunsillier Dominic Grech fuq l-monument, hu għamel kuntatt, saħansitra anke b'email mas-Segretarju Eżekuttiv u s-Sindku, fejn is-Sindku infurmatu li l-artist qed jitlob fondi għall-monument.

Is-Sindku qalet li hi kienet tat lill-kunsillier l-informazzjoni kollha li hu talab u li ma kienx propizju li minn hemm 'l quddiem mexxa fuq inizjattiva tiegħu waħdu u organizza laqgħa ma' IM mingħajr ma nforma lis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv. Hi fakkret kif wara l-laqgħa ma' IM, il-Kunsillier Dominic Grech kien ġie jirraporta lill-Kunsill Lokali li IM se tiffinanzja l-monument u li dak li kien jonqos huwa permess li jrid japplika għalih il-Kunsill Lokali. Hi qalet lill-kunsillier li din l-informazzjoni hija żbaljata filfatt, irid jiġi kjarifikat li kien baqa' fondi li l-artist qed jitlob għall-monument ta' madwar Eur15,000 u li jkun prematur li l-Kunsill jidħol fi spejjez għall-permessi qabel ikun ikkonfermat li nġiebu l-fondi kollha biex l-proposta tista' tintlaqa' u titwettaq. Is-Sindku qalet li wara l-aħħar laqgħa reġġħet kkuntatjat lill-artist li kkonferma li IM kien offra li jiffinanzja l-pedemant imma ma tax fondi għall-monument. Is-Sindku reġgħet fakkret li l-ebda Kunsillier m'għandu jaqbad u jagħmel laqgħat b'talbiet f'isem il-Kunsill mingħajr ma jinforma lis-Segretarju Eżekuttiv, speċjalment fejn jidħlu finanzi.

366.2.3 365.14.6 Is-Sindku kompliet tgħid li ntalbet stima mill-kuntrattur tal-patching f'dawn iż-żewġ toroq u x-xogħol ġie inkluż fil-lista ta' xogħolijiet.

366.2.4 365.14.9 Is-Sindku qalet li TM infurmawna li ser issir spezzjoni fuq il-post biex tiġi evalwata il-wisa' tat-triq skond ir-regolamenti, u jinfurmawna bl-andament.

**366.3 Komunikazzjonijiet mis-Sindku**

366.3.1 Is-Sindku irreferiet għal kwistjoni li ilha għaddejja snin fi Triq Filomena Buġeja ta' talba minn individwu biex isir double yellow line, liema talba mhix milqugħa mir-residenti tal-istess triq. Is-Sindku infurmat li wara diversi diskussjonijiet ma' TM, mar-residenti u mal-individwu stess jidher li għad m'hemm l-ebda kompromess, madankollu TM approvat double yellow line quddiem garaxx ta' terzi biex l-individwu li għamel it-talba jkollu l-liberu aċċess mil-garaxx. Il-Kunsill qabel li jsir kuntatt mas-sid tal-garaxx li se jiġi affetwat u jekk jibqa' jkun diżgwit fuq dawn l-linji issir laqgħa mar-residenti u sidien ta' propjetajiet.

366.3.2 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill li ġejna mitluba nissuġġerixxu żewġ postijiet biex jiġu installati Charging Pillars għal vetturi tal-elettriku. Wara li kkunsidrat iż-żoni kollha fejn l-iktar jintlaħqu nies, u li l-inqas li jiġu affetwati r-residenti peress li ser jitnaqqsu l-parkeġġi preżenti, ġew identifikati Triq Salvu Borg Olivier u Triq Nikola Saura qabel iddur għal Triq Mons. Mikiel Azzopardi. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu li jiġu mressqa dawn iż-żewġ siti.

**366.4 Tenders**

366.4.1 Is-Sindku infurmat għat-tender Supply of Concrete intefgħu żewġ offerti. Il-Bord tal-Evalwazzjoni irrakkomanda lil JB Concrete bħala l-Irħas offerta. Il-Kunsill approva unanimament.

366.4.2 Is-Sindku infurmat li għat-tender Street Sweeping intefgħu 4 offerti, u għadu qed jiġi evalwat.

**366.5 Jum is-Siġġiewi 2019**

366.5.1 Is-Sindku qrat il-programm ta' attivitajiet finali. Qalet li żdiedet attivita' fil-15 ta' Marzu, Diskussjoni dwar il-Kuntribuzzjoni Kulturali ta' Siġġiwin fil-Mużika Klassika, minn Maestro Dion Buhagiar. Hi nfurmat lill-Kunsill Lokali li kien hemm sitt għaqdiet li kienu applikaw għall-Inizjattiva tal-ħbieb u qraba ta' Annabelle Vassallo u li l-Kunsill Lokali kien qed jassisti fil-kommunikazzjoni mal-għaqdiet u evlawazzjoni tal-proġetti. Hi qalet li l-proġetti ġew magħżula kollha u li l-qraba u ħbieb ta' Annabelle Vassallo kellhom jiddeċiedu fuq

donazzjonijiet li se jagħtu huma għal kull proġett.

Il-proġetti kienu mill-Football Club, Basketball Club, Dar tal-Providenza, l-Għaqda Kulturali, il-Grupp Armar u l-Kunsill Lokali taż-Żgħażagħ. Tlieta minn dawn l-inzjattivi ġew inklużi bħala attivitajiet f'Marzu biex anke jintrabtu ma' Jum is-Siġġiewi. Infurmat lill-Kunsill Lokali li kienet se ssir serata li tfakkar l-memorja ta' Annabelle Vassallo u dwar l-inizjattiva minn ħbieb u qraba tagħha, il-Ħadd 17 ta' Marzu 2019 fis-6.30pm, fiċ-Ċentru Ċiviku tas-Siġġiewi.

366.5.2 Is-Serata tal-għoti tal-Onorefiċenza ser issir fl-10 ta' Marzu fis-6.30pm, u li l-ET il-President ta' Malta ikkonfermat l-attendenza tagħha.

366.5.3 Is-Sindku qalet li l-ftehim mal-Football u l-Basketball Club kien qed jiġi finalizzat, u l-investiment fil-grounds ser jiġi preżentat fl-attivita sportiva tat-23 ta' Marzu fid-9.30am. Hija qalet ukoll li f'din l-attivita', ser titfakkar il-memorja tal-wisq mibki John Debattista u ser jiġi u mpoġġija tabelli ġodda li jikkonferma mozzjonijiet u pożizzjoni li ħa l-Kunsill Lokali f'leġislaturi differenti, inkluż din l-leġislatura li l-isem tal-kumpless sportiv ikun *John Debattista Siġġiewi Sports Complex.*

**366.6 Rapport dwar is-Salib tal-Għolja**

366.6.1 Is-Sindku qalet li kien tħejja r-rapport mill-Geo-Technical Engineer, Adrian Mifsud, li hemm qbil li kellu jsir mill-Kunsill u mill-Kurja, rigward pjan ta' sigurta' għall-aċċess lejn is-Salib u l-kappella, xogħolijiet meħtieġa f'dawn iż-żoni u anke dwar l-pedamenti u aspetti ġeoloġiċi tas-sit. Is-Sindku qalet li sussegwentement għar-rapport għandha tissejjaħ laqgħa fuq il-post ma' rappreżentanti tal-Kurja, il-Geologu, is-Supretendent u l-Ispettur tal-Pulizija, u l-Viċi Sindku biex jitħejja pjan għall-attivita' tal-Mixgħela tas-Salib tal-Għolja. Hi qalet ukoll li kien hemm qbil mill-Kurja u Adrian Mifsud li ssir laqgħa pubblika bil-media li matulha jiġu preżentati r-rakkomandazzjonijiet tar-rapport.

366.7 **Programm 'Active Ageing'**

366.7.1 Is-Sindku qabel li saret proposta mill-Kunsill Lokali lid-Dipartiment tal-Anzjani biex tiżdied data oħra għal ftuħ taċ-Ċentru tal-Anzjani fiċ-Ċentru Ċiviku. Id-Dipartiment propona programm alternattiv ta' attivitajiet u l-Kunsill applika għal drama u żfin biex isiru nhar ta' Tnejn. Il-Kunsill Lokali kien qed jistenna konferma mid-Dipartiment tal-Anzjani.

366.7.2 Is-Sindku qalet li saret talba wkoll għal għajnuna finanzjarja, lid-Dipartiment tal-Anzjani, għat-trasport u għall-installazjoni ta' arja kkundizzjonata fis-sala fejn jiltaqgħu l-anzjani.

366.8 **Toroq Rurali b'fondi tal-UE (Miżura 4.3)**

Is-Sindku infurmat lill-Kunsill li saret laqgħa ma' IM u WSC fuq t-toroq rurali magħżula mill-Kunsill Lokali, peress li għal darb'oħra kellhom jerġgħu jinbidlu xi toroq minħabba li kienu ser jaħbtu mal-proġett tal-UE mill-WSC.

Għalhekk wara li diġa kien hemm qbil li jineħħew Triq il-Fawwara u Triq Tax-Xama li ser isiru mill-WSC, tneħħiet biċċa minn Bur ix-Xewk (il-biċċa li ser issir mill-WSC), u żdiedu Sqaq in-Nadur, Triq Ta' Bellu, Triq Ta' Manduca, parti minn Triq il-Fawwara (li toħroġ minn Triq Patru Ġuże' Delia – ħdejn ir-ruħ), u Triq Tas-Sruġ. Il-Kunsill unanimament qabel mat-tibdil kif imsemmi.

366.9 **Mozzjoni dwar Triq il-Kbira**

366.9.1 ***Mozzjoni għal xogħol ta' bankina ġdida fi Triq il-Kbira u titjib fis-servizz ta' ġbir ta' skart f'din l-istess triq.***

*Billi f'dawn l-aħħar snin ir-residenti ta' Triq il-Kbira fis-Siġġiewi ġustament ilemntaw għal diversi drabi dwar l-istat diżastruż li tinsab fih il-bankina f'din l-istess triq;*
*Billi dawn l-istess residenti u dawk li jiffrekwentaw din it-triq, qegħdin isofru l-inkonvenjenza ta' nuqqas ta' aċċessibilta` u sigurta minħabba l-istat ta' din l-istess bankina;*
*Billi is-servizz ta' Ġbir ta' skart qiegħed isir mill-kuntrattur b'vettura kbira, meta suppost l-istess kuntrattur obbligat kontrattwalment li jutilizza vettura iżgħar sabiex ma' joħloqx l-inkonvenjent li qiegħed iseħħ konsegwentament;*
*Bili permezz tal-vettura li juża l-kuntrattur tal-Ġbir ta' skart qiegħed kontinwament joħloq ħsara strutturali fuq l-istess bankina ta' din it-triq u jimponi periklu fuq l-istrutturi tad-djar f'din it-triq;*
*Il-Kunsill Lokali mlaqqa' illum it-Tnejn 11 ta' Frar 2019:*

1. *Jirriżolvi li jsir xogħol ta' pavimentar ġdid fi Triq il-Kbira fis-Siġġiewi;*
2. *Jirriżolvi li l-kuntrattur jerġa jiġi mgħarraf li hu obbligat jutilizza vettura iżgħar sabiex ma' jkomplix joħloq l-inkonvenjent kawżat minnu stess;*

3. *Jirriżolvi li jekk il-kuntrattur jonqos milli jagħmel dan, jibdew jappikaw il-penali hekk kif stabiliti fil-kuntratt bejn iż-żewġ partijiet;*
4. *Jirriżolvi li jittieħdu l-miżuri kollha possibli sabiex ir-residenti ta' din it-triq igawdu minn livell ta' sigurta hekk kif mistenni u mistħoqq.*

Ippropona l-mozzjoni il-Kunsillier Dominic Grech.
Issekonda il-Kunsillier Nicholas Cassar

Il-proponent qara u spjega il-mozzjoni kif preżentata.

366.9.2 Is-Sindku qalet li kien hemm xi ineżattezzi fil-mozzjoni kif preżentata u għalhekk preżentat dawn l-emendi għall-mozzjoni.

*Jiżdiedu:*
*Billi il-Kunsill Lokali għadu kemm temm proċess ta' tender biex jintagħżel kuntrattur għal xogħolijiet fil-bankini;*

*Billi l-kunsilliera kienu nfurmati dwar dan, tant li approvaw b'mod unanimu li jingħalaq t-tender għal toroq u bankini, fl-aħħar seduta tat-Tnejn 14 ta' Jannar 2019;*

*Billi s-Sindku spjegat diversi drabi lill-Kunsilliera anke b'mod individwali, kull meta ressqu lmenti fuq il-bankina ta' Triq il-Kbira, li din se tingħata prijorità u li kienet se ssir hekk kif ikun konkluż it-tender. Dan sabiex ma jinkisrux proċeduri għal dawn ix-xogħolijiet;*

*Billi l-ispiża għall-bankina fi Triq il-Kbira hija sostanzjali u minn stima perliminari li għamel l-perit tal-Kunsill Lokali jirriżulta li l-ispiża hija ta' madwar Eur26,000.*

*Billi l-Kunsill Lokali diġa' beda l-proċess biex jakkwista l-permessi meħtieġa għax-xogħolijiet fil-bankina ta' Triq il-Kbira.*

*Billi l-Kunsill Lokali għaddej b'ħidma bla waqfien biex jaċċerta li jinġieb investiment xieraq għal-manutenzjoni tat-toroq tas-Siġġiewi, kemm residenzjali u rurali;*

*Billi l-Kunsill Lokali ilu jitlob li jingħata aktar għajnuna mill-Gvern Ċentrali sabiex ikun jista' jwettaq xogħolijiet b'aktar effettivita u dan minħabba li fondi mogħtija mhux qed tkun biżżejjed biex iwettaq x-xogħolijiet kollha, f'sena waħda, imma bi pjanar bil-għaqal tul is-snin ta' kull leġislatura;*

*Billi fl-aħħar snin, il-Kunsill Lokali wettaq diversi xogħolijiet ta' manutenzjoni u*

*nvestiment biex ingħata wiċċ ġdid lil toroq tas-Siġġiewi. Dan bi pjan biex il-finanzi tiegħu jibqgħu sostenibbli u ma jidħolx f'dejn.*

*Billi x-xogħolijiet fl-aħħar snin saru bi qbil unanimu u l-ebda kunsillier ma qatt qal li ma kienx qed jaqbel li l-budget tal-Kunsill Lokali, f'xi sena partikolari, ma kellux ikun allokat għall-proġetti li saru fit-toroq bħal wiċċ ġdid fi Triq il-Mitħna, Triq in-Newba, Triq id-Dejqa, Triq Nerik Vassallo, Triq San Ġorġ Preca, Triq Bur it-Tokk, Triq Wied Costa u oħrajn, biex minflokom ssir il-bankina fi Triq il-Kbira.*

*Billi fl-aħħar xhur saru diversi talbiet lill-Ministru tal-Infrastruttura, Ian Borg sabiex il-Kunsill Lokali jingħata aktar għajnuna biex ikun jista' jwettaq investiment meħtieġ u urġenti fit-toroq tas-Siġġiewi, u li b'mod awtomatiku, kieku tingħata din l-għajnuna, il-Kunsill Lokali jkun jista' jwettaq aktar xogħolijiet fil-bankini u manutenzjoni.*

*Tibqa':*
*Billi f'dawn l-aħħar snin ir-residenti ta' Triq il-Kbira fis-Siġġiewi ġustament ilmentaw għal diversi drabi dwar l-istat diżastruż li tinsab fih il-bankina f'din l-istess triq;*

*Billi dawn l-istess residenti u dawk li jiffrekwentaw din it-triq, qegħdin isofru l-inkonvenjenza ta' nuqqas ta' aċċessibilta` u sigurta minħabba l-istat ta' din l-istess bankina;*

*Billi is-servizz ta' Ġbir ta' skart qiegħed isir mill-kuntrattur b'vettura kbira, meta suppost l-istess kuntrattur obbligat kontrattwalment li jutilizza vettura iżgħar sabiex ma' joħloqx l-inkonvenjent li qiegħed iseħħ konsegwentament; (titneħħa għax ma tinkludix informazzjoni sħiħa)*

*Tinbidel għal:*

*Billi is-servizz ta' ġbir ta' skart isir minn żewġ kuntratturi differenti, il-kuntrattur Saviour Mifsud li għandu ftehim dirett mal-Kunsill Lokali għall-ġbir ta' skart tal-borża sewda u l-borża l-bajda u ftehim mhux dirett ma' kuntrattur tal-Green MT għall-ġbir tal-borża l-griża u l-ħġieġ.*

*Jiżdiedu:*

*Billi s-Sindku u l-Kunsillier Dominic Grech kellhom laqgħa mal-kuntrattur tal-Kunsill Lokali nhar it-Tnejn 10 ta' Dicembru 2019, fejn ġie miftiehem li mis-*

*sena l-ġdida m'għandux jibqa' jintuża t-trakk il-kbir fi Triq il-Kbira u xi toroq oħra.*

*Billi il-kuntrattur diġa' ġie mwissi diversi drabi biex jaċċerta li ma jidħolx bi trakk kbir fi Triq il-Kbira.*

*Billi fil-laqgħa tat-Tnejn 14 ta' Jannar 2019, il-Kunsill qabel b'mod unanimu li jiġi vverifikat li l-kuntrattur mhux qed juża t-trakk il-kbir.*

*Billi minn dakinhar is-Segretarju tal-Kunsill, vverifikat li l-kuntrattur mhux qed juża t-trakk il-kbir.*

*Billi l-Kunsilliera jafu li l-ġbir ta' skart isir minn żewġ kuntratturi differenti u nfurmati li mistennija ssir sejħa għall-ftehim ġdid għall-ġbir ta' skart tal-borża l-griża u l-ħġieġ.*

*Billi l-Kunsill Lokali diġa' bagħat għall-approvazzjoni abbozz għall-concession agreement għall-ġbir tal-borza l-griża u l-ħġieġ, li iżda kien għadu għand id-Dipartiment tal-Gvern Lokali u li l-Kunsill Lokali ntalab ma joħroġx is-sejħa tiegħu sa ma jingħata struzzjoni mod ieħor – u li allura jfisser li d-dewmien ma kienx kkawżat mill-Kunsill Lokali.*

*Billi ftit jiem ilu, inħarġet ċirkulari li tigwida lill-Kunsill Lokali biex jagħmlu sejħa għall-interess lill-GreenMT u GreenPak.*

*Billi s-Sindku diġa' nfurmat lis-Segretarju biex taċċerta li f'kull ftehim ġdid jkun hemm kundizzjoni li f'toroq dojoq li jindika l-Kunsill Lokali, ma jintużax it-trakk il-kbir, anke għall-ġbir tal-borża griża u ħġieġ.*

*Billi fil-fratemp għadu qed japplika l-kuntratt mal-Green MT għall-ġbir tal-borża l-griża u ħġieġ mit-toroq tas-Siġġiewi.*

*Billi f'laqgħa li s-Sindku u s-Segretarju kellhom mal-GreenMT, ġie mitlub li l-GreenMT jitolbu lill-kuntrattur ma jużax it-trakk il-kbir fi Triq il-Kbira u toroq oħra.*

*Billi il-Kunsill Lokali għamel din t-talba lil-GreenMT anke bil-miktub.*

*Billi f'post fuq facebook ppublikat it-Tnejn 21 ta' Jannar 2019 , il-Kunsillier Dominic Grech għażel li ma jsemmi xejn dwar l-proceduri ta' tendering li kien għaddej għal xogħolijiet fuq l-bankini, dwar il-ftehim differenti li hemm għall-ġbir tat-tipi differenti ta' skart fi Triq il-Kbira u ma vverifikax qabel għamel l-informazzjoni pubblika, jekk l-kuntrattur tal-Kunsill Lokali ma kienx waqaf juża t-trakk il-kbir.*

*Il-Kunsill Lokali mlaqqa' illum it-Tnejn 11 ta' Frar 2019:*

*1. Jirriżolvi li jsir xogħol ta' pavimentar ġdid fi Triq il-Kbira*

*Tinbidel ghal:*

*1.Jirrizolvi li jkompli bil-proċess meħtieġ ta' permessi biex issir l-bankina fi Triq il-Kbira u sussegwentament jordna lill-kuntrattur magħżul mill-proċess ta' tender biex jibdew x-xogħolijiet fuq l-bankini ta' Triq il-Kbira.*

*2. Jirriżolvi li l-kuntrattur jerġa jiġi mgħarraf li hu obbligat jutilizza vettura iżgħar sabiex ma' jkomplix joħloq l-inkonvenjent kawżat minnu stess;*

*3.Jirriżolvi li jekk il-kuntrattur jonqos milli jagħmel dan, jibdew jappikaw il-penali hekk kif stabiliti fil-kuntratt bejn iż-żewġ partijiet;*

*2 u 3 - Jinbidlu għal:*
*2. Jirriżolvi li l-Kunsill Lokali joħroġ default notice u jieħu l-passi kollha meħtieġa biex jiġu mħarsa d-drittijiet tal-Kunsill Lokali u r-residenti, f'każ li jirriżulta li f'xi ġurnata partikolari jerġa' jkun ntuża t-trakk il-kbir fi Triq il-Kbira mill-kuntrattur tal-Kunsill Lokali.*

*Tizdied:*
*3. Jirriżolvi li l-Kunsill Lokali jdaħħal fl-espressjoni t'interess għall-ftehim ġdid ta' ġbir tal-borża l-griża u l-ħġieġ din l-kundizzjoni:*

*"Collection of grey bags and other services, in narrow streets of Siggiewi requires the use of a smaller vehicle that does not block access to these streets and does not result in driving onto a footpath/pavement. Any vehicle used by a contractor for collection of waste that causes damages to footpaths/pavements or causes obstruction in narrow streets will be liable for damages. The Siggiewi Local Council will identify the streets that require the smaller vehicle and the contractor will be expected to provide a vehicle/service suitable for these narrow streets."*

*Tibqa':*
*4. Jirriżolvi li jittieħdu l-miżuri kollha possibli sabiex ir-residenti ta' din it-triq igawdu minn livell ta' sigurta hekk kif mistenni u mistħoqq.*

*Jiżdiedu:*

*5. Jirrizolvi li jinsisti mal-GreenMT li l-kuntrattur mqabbad minnu ma' jibqax juża t-trakk il-kbir fi Triq il-Kbira u xi toroq oħra.*

*6. Jirriżolvi li għal darba oħra, jitlob lill-Ministru Ian Borg biex jilqa' t-talba tal-Kunsill Lokali għal għajnuniet li diga' ntbagħtu diversi talbiet dwarhom u jiġi nfurmat l-pubbliku permezz ta' stqarrijiet u mezzi oħra, bit-talba li għamel l-Kunsill Lokali u li ma ntlaqgħetx mill-Gvern. Dan sabiex l-pubbliku jkun mgħarraf li l-Kunsill Lokali wettaq kemm kien possibli, xogħolijiet fit-toroq matul din l-leġislatura u li dispost iwettaq aktar jekk jingħata r-riżorsi meħtieġa mill-Gvern Ċentrali.*

*7. Jirrizolvi li l-Kunsilliera għandhom l-obbligu jivverifikaw informazzjoni dwar ħidma li jkun qed iwettaq il-Kunsill Lokali fuq materja partikolari, qabel jippublikawha u li jippublikaw informazzjoni sħiħa u korretta. Dan biex l-pubbliku ma jiġix mqarraq jew jintuża bħala ballun politiku.*

*Kopja tal-mozzjoni kif emendata u approvata tintbaghat lir-residenti ta' Triq il-Kbira.*

Is-Sindku pproponiet kull waħda minn dawn l-emendi u kull waħda ġiet sekondata mill-Viċi Sindku. Il-vot fuq kull emenda kien ta' 4 voti favur (Alessia Psaila Zammit, Julian Borg, Gillian Farrugia Pace u Mark Anthony Vassallo) u 2 voti kontra (Nicholas Cassar u Domnic Grech). Sussegwentament il-mozzjoni kif emendata ġiet approvata b'4 voti favur (Alessia Psaila Zammit, Julian Borg, Gillian Farrugia Pace u Mark Anthony Vassallo) u 2 voti kontra (Nicholas Cassar u Dominic Grech)

366.10 **Materji konnessi mal-Awtorita' tal-Ippjanar**

366.10.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat lista ta' applikazzjonijiet li daħu mal-Awtorita' tal-Ippjanar biex isir xi tip ta' żvilupp fis-Siġġiewi mill-aħħar Seduta sal-lum.

366.10.2 PA02270/16 - *Installation of Solar Greenhouses for Agricultural Use* – Site at Il-Bewwiela, Triq Bur il-Kbir cw Triq il-Fawwara

Il-Viċi Sindku ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill rigward din l-applikazzjoni. Kien hemm qbil unanimu li ssir oġġezzjoni bbażata fuq il-pożizzjoni li kellu l-Kunsill Lokali dwar solar farms.

Il-pożizzjoni tal-Kunsill hija:

- li s-siti użati għal *solar farms* barra ż-żona tal-iżvilupp m'għandhomx isiru f'siti fejn hemm art fertili jew mhedded ta' art ta' kampanja li jikkostitwixxu l-ambjent rurali tas-Siġġiewi, tant li n-natura u d-dehra tal-art jiġu mibdula kompletament u ma jkunux jistgħu jibqgħu jitgawdew mill-pubbliku bħala siti ta' ambjent naturali.

- li s-siti użati għal *solar farms* ma jsirux f'żoni li huma ta' Natura 2000 jew żoni oħra li huma protetti bħal widien, għolijiet, siti arkeoloġiċi, kulturali u xjentifiċi jew fil-viċinanzi tagħhom, tant li jħallu effett negattiv fuq l-ambjent u l-viżwal ta' dawn is-siti protetti.
- li solar farms barra ż-żona tal-iżvilupp għandhom jiġu kkunsidrati

  f'siti bħal barrieri, mħazen kbar jew serer **li diġà huma eżistenti** u f'kull ċirkostanza għandha **ssir analiżi tal-impatt fuq il-viżwal tagħhom fiż-żona fejn ikun propost li jsiru**.

Il-Kunsill Lokali jinnota li din l-applikazzjoni hija għall-istallazzjoni ta' panneli solari, f'żona ta' art ta' kampanja u tali proġett ma jixraqx mal-viżwal u użu agrikolu tal-art fiż-żona. Filwaqt li l-applikazzjoni tinkludi *solar panels* fuq serer, il-Kunsill Lokali jinnota li l-impatt viżwali tal-proġett huwa wieħed negattiv u ma jaqbilx maż-żona. Barra minn hekk, din iż-żona twassal għas-sit storiku u ta' patrimonju kulturali tas-Salib Tal-Għolja u hija wkoll żona li minnha jgħaddu eluf ta' persuni għall-attivitajiet fuq is-Salib tal-Għolja, inkluż l-attività annwali tal-Mixgħela tas-Salib tal-Għolja.

Is-sit tal-applikazzjoni jidher ukoll minn fuq is-Salib tal-Għolja u jekk din l-applikazzjoni tiġi approvata se toħloq preċedent għal aktar żviluppi simili li jkollhom effett negattiv fuq l-ambjent naturali tas-Siġġiewi. It-triq hija wkoll waħda li minnha jgħaddu diversi persuni biex imorru għal siti oħra fis-Siġġiewi magħrufa għad-dehra naturali u storika tagħhom bħall-Fawwara, iċ-Ċimiterju ta' Brija, diversi widien, il-Girgenti, tal-Providenza u Għar Lapsi. L-ambjent naturali taż-żona għandu għalhekk jiġi mħares u protett u kull proġett fl-inħawi għandu jaqbel mal-ambjent naturali taż-żona. Barra minn hekk, għandu jkun assigurat li l-awtoritajiet jaħsbu anke fit-tul u jaraw li l-ambjent naturali li jmiss u jwassal għal tant żoni ta' ambjent naturali b'siti storiċi, jiġi protett mhux jinħoloq preċedent għall-proġetti li jimpattaw b'mod negattiv il-viżwal u dehra tal-kampanja tas-Siġġiewi.

PA245/19 – <u>*To demolish existing automated weighing structure and re-erect further up the road – Site at Għar Lapsi*</u>

366.10.3

Il-Viċi Sindku ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill dwar din l-applikazzjoni biex tiġi rilokata il-kamra tal-użin tal-ħut fil-bajja t'Għar Lapsi. Is-Sindku qalet li minn informazzjoni mhux uffiċjali din il-kamra qatt ma raha ħadd tintuża, u għalhekk proponiet li tintalab informazzjoni uffiċjali dwar kemm din intużat kemm ilha fil-post. Il-Kunsill qabel li din il-kamra qegħda tkerraħ il-post u għandha tiġi rilokata f'post ieħor. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu li jressaq ukoll rakkomdazzjonijiet li għamlu diversi persuni li l-kamra tiġi fejn bini diġa' eżistenti faċċata ta' fejn tinstab issa. Il-Kunsill qabel ukoll b'mod unanimu li jitlob informazzjoni uffiċjali fuq kemm intużat il-kamra fl-aħħar sentejn kemm

ilha li saret.

**Rapport tal-Korrispondenza**

**366.11** Is-Segretarju Eżekuttiv preżentat lista tal-korrispondenza riċevuta mill-aħħar Seduta sal-lum.

366.11

**Rapport tal-ilmenti**

**366.12** Is-Segretarju Eżekuttiv preżentat rapport tal-ilmenti riċevuti bejn l-aħħar Seduta u llum.

366.12.1

**Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

**366.13** Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-iskeda tal-pagamenti. Is-Sindku proponiet li l-pagamenti jiġu approvati. Il-Kunsillier Clayton Cutajar issekonda u l-Kunsill
366.13.1 approva l-iskeda tal-pagamenti b'mod unanimu.

**Kunsiderazzjoni tal-Budget 2019 (draft)**

**366.14** Is-Segretarju Eżekuttiv preżentat draft tal-Budget għas-sena 2019. Hija tat spjegazzjoni dwar x'infiq huwa proġettat għal din is-sena u kif inhu imqassam,
366.14.1 kif ukoll id-dħul mill-allokazzjoni tal-Gvern, mid-Development Planning Fund, mir-Reġjun u l-proġetti b'fondi tal-UE fosthom il-Miżura 4.3 tat-toroq rurali, u Miżura 4.4 tal-ħitan tas-sejjiegħ. Hija spjegat li dis-sena ser ikun hemm somma sostanzjali allokata għal titjib tat-toroq tal-bdiewa, patching u bankini, inkluża il-bankina ta' Triq il-Kbira.

Is-Sindku qalet ukoll li kien hemm Eur18,000 li se jiġu allokati mir-Reġjun Nofinshar għall-proġetti ta' tisbiħ. Il-Kunsill Lokali ntalab jipproponi proġett. Il-Kunsill Lokali qabel b'mod unanimu li jipproponi lir-Reġjun Nofsinhar, li dawn l-fondi jintużaw għall-bandli ġodda li se jagħmel l-Kunsill Lokali f'Għar Lapsi.

Is-Segretarju Eżekuttiv talbet lill-Kunsill jikkunsidra dan id-draft. Il-Kunsill unanimament qabel mad-draft preżentat.

**Items ta' xogħol ieħor li jkun meħtieġ**

**366.15** Is-Segretarju Eżekuttiv infurma li permezz ta' *Ċir AKL 2019/010 - Data Protection Officers mal-Kunsilli Lokali / Reġjuni,* il-Kunsill ġie mitlub jaħtar lil-
366.15.1 membru tal-istaff fl-iktar skala għolja wara s-SE bħala DPO. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li ġiet nominata Maria Muscat għal din il-kariga li ser tingħata it-taħriġ meħtieġ. Madankollu, is-SE infurmat li flimkien ma' SE ta' Kunsilli Lokali oħra infurmaw lill-AKL li huma kkonċernati immens li din il-kariga iġġorr fuqha responsabbiltajiet kbar li l-ebda impjegat ta' Kunsill mhu f'pożizzjoni li jġorrha.

Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li applikat mal-IDPC għall-permess għall-installazzjoni ta' CCTV kif mitlub f'Seduti preċedenti.

366.15.2

Is-Sindku infurmat lill-Kunsill li s-sena l-oħra inqalgħu problemi fuq l-armar ta' kiosks f'Ta' l-Għolja fl-attivita' tal-Mixgħela. Hija qalet li bi ftehim mas-
366.15.3 Supretendent u l-Ispettur, kull min ikun armat mingħajr il-permess meħtieġ tal-Kunsill ser jiġi ordnat iżarma u jittieħdu l-passi meħtieġa. Hija talbet lis-Segretarju Eżekuttiv tgħaddi lista tal-permessi li jkunu inħarġu lis-Supretendent u l-Ispettur u talbet lill-Kunsilliera jikkoperaw fuq dan l-att biex jiġu evitati sitwazzjonijiet bħas-sena l-oħra.

Is-Sindku ġibdet l-attenzjoni tal-Kunsilliera li l-ebda Kunsillier m'għandu jagħmel laqgħat fil-ħin tax-xogħol u barra mill-premises tal-Kunsill ma' l-ebda
366.15.4 membru ta' staff jew ħaddiema, mingħajr il-permess tas-Segretarju Eżekuttiv.
Is-Segretarju Eżekuttiv fil-kariga tiegħu għandu l-obbligu jkun jaf fejn qegħdin il-membri ta' staff u l-ħaddiema tal-Kunsill fil-ħin tax-xogħol. Il-membri ta' l-istaff u l-ħaddiema ġew ukoll imfakkra dwar dan.

Il-Kunsillier Dominic Grech qal li rċieva ilment rigward biċċa minn triq Sta. Margerita li niżlet. Konsegwenza ta' dan qed jinġema l-ilma tax-xita u l-vetturi
366.15.5 qed itajru l-ilma mal-faċċati li kkważa ħsara. Is-Sindku wieġbet li diġa saret spezzjoni mill-Perit tal-Kunsill u l-Kunsill Lokali kien qed jistenna rakkomandazzjonijiet tiegħu.

Il-Kunsillier Dominic Grech qal li minħabba volum qawwi ta' trakkijiet minn Triq il-Fawwara fl-inħawi Ta' Dmejrek lejn il-barriera tar-radam, saret ħsara
366.15.6 eċċessiva lit-triq. Is-Sindku proponiet li ssir spezzjoni tal-post u jekk hemm xi abbużi jiġu rrapurtati lill-awtoritajiet. Hi qalet li jekk hemm spejjez sostanzjali biex titranġa it-triq tintalab għajnuna lill-awtoritajiet.

Il-Kunsillier Mark A. Vassallo qal li barriera fi Triq Panoramika fuq Għar lapsi ġiet imfawra bir-radam u żgur li mhix tagħmel ġieħ lill-ambjent tal-inħawi. Is-
366.15.7 Segretarju Eżekuttiv qalet li l-Kunsill kien diġa għamel rapporti lill- PA u l-ERA dwar dan.

Il-Kunsillier Dominic Grech qal li bozza f'Ta' Karlozzu ilha żmien twil mitfija bil-konsegwenza li hemm dlam ċappa fl-inħawi. Is-Segretarju Ezekuttiv wieġbet
366.15.8 li hemm ħsarat u ġiet irrapurtata lill-Enemalta.

Il-Kunsillier Gillian Farrugia Pace qalet li qed isiru u-turns fi Triq sta. Margerita fil-bidu tas-Siġġiewi u sikwit ikun hemm inċidenti. Hija issuġġeriet li titwaħħal

366.15.9 tabella li ma jistgħux isiru u-turns.

**Tmiem tal-laqgħa u data tas-Seduta li jmiss**

366.16 Il-laqgħa intemmet fit-8.00ta' filgħaxija u s-Sindku pproponiet li l-laqgħa li jmiss tal-Kunsill issir nhar it-Tnejn 11 ta' Marzu 2019 fis-6.00 ta' filgħaxija. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu.

Konfermati, illum 11 ta' Marzu 2019.

| | |
|---|---|
| Dr Alessia Psaila Zammit | Ritienne Giorgino |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |